IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 17.9.2024
COM(2024) 55 final

2024/0230 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-Ambjenti Mingħajr Duħħan u Aerosol li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2009/C 296/02

{SWD(2024) 55 final} - {SWD(2024) 56 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Introduzzjoni

Fil-pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, il-Kummissjoni ħabret l-intenzjoni tagħha li taġġorna r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar ambjenti mingħajr duħħan[1]. Wieħed mill-objettivi tal-pjan relatati mat-tabakk huwa li jgħin fil-ħolqien ta' "Ġenerazzjoni Ħielsa mit-Tabakk" fejn inqas minn 5 % tal-popolazzjoni tuża t-tabakk sal-2040, meta mqabbla ma' madwar 25 % tal-lum. Ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar ambjenti bla tipjip hija inizjattiva li għandha l-għan li tikkontribwixxi b'mod pożittiv għal dan il-għan, tissodisfa l-objettiv li tipproteġi aħjar lin-nies fl-Unjoni mid-duħħan m'għand ħaddieħor li joriġina minn prodotti tat-tabakk kombustibbli u minn aerosols m'għand ħaddieħor li joriġinaw mill-użu ta' prodotti emerġenti, u tippromwovi l-waqfien mit-tipjip u d-denormalizzazzjoni tat-tipjip u tal-użu tan-nikotina.

Ir-Rakkomandazzjoni kurrenti tal-Kunsill (2009/C 296/02) tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri biex jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u b'hekk tipprovdi gwida għalihom biex jikkonformaw mal-impenji legali tagħhom biex jipproteġu lin-nies mid-duħħan m'għand ħaddieħor fil-postijiet tax-xogħol kollha fuq ġewwa, mit-trasport pubbliku u minn postijiet pubbliċi fuq ġewwa. Il-kamp ta' applikazzjoni tagħha jinkludi l-prodotti tat-tabakk tradizzjonali, meqjusa bħala l-kwistjoni ewlenija f'dak iż-żmien, u xi spazji pubbliċi, koperti abbażi ta' valutazzjoni tal-perikli każ b'każ.

Madankollu, fil-preżent, ir-Rakkomandazzjoni kurrenti tal-Kunsill ma tistax tilħaq bis-sħiħ l-iskop protettiv tagħha minħabba n-nuqqas ta' kopertura tal-ispazji fil-beraħ u minħabba l-iżviluppi tas-suq relatati mal-prodotti emerġenti, li jistgħu jarmu d-duħħan u/jew aerosols, pereżempju l-prodotti tat-tabakk imsaħħna, is-sigaretti elettroniċi, jarmux nikotina jew ħielsa min-nikotina, u s-surrogati tat-tabakk, u kwalunkwe prodott li jarmi d-duħħan u/jew aerosol ieħor, li oriġinarjament ma kinux inklużi. Għalhekk l-objettiv tar-reviżjoni proposta tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill huwa doppju, b'mod partikolari li tkopri il-prodotti emerġenti u l-ispazji speċifiċi fil-beraħ. Għaldaqstant, din se tindirizza aħjar ir-riskji tal-esponiment għall-aerosols m'għand ħaddieħor minn prodotti emerġenti kif ukoll ir-riskju ta' esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor f'ċerti spazji fil-beraħ. B'hekk, ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni fuq dan iż-żewġ aspetti hija meqjusa neċessarja sabiex jintlaħaq l-objettiv li n-nies, b'mod partikolari t-tfal u ż-żgħażagħ, jiġu protetti aħjar fl-Unjoni mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor. Barra minn hekk, il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill riveduta għandha l-għan li tappoġġa indirettament id-denormalizzazzjoni tal-użu kemm tat-tabakk kif ukoll tal-prodotti emerġenti u, b'dan il-mod, tikkontribwixxi għall-għan li tinkiseb ġenerazzjoni ħielsa mit-tabakk.

Ir-reviżjoni proposta tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tinkludi estensjoni tal-kopertura tagħha għal ċerti prodotti emerġenti u spazji fil-beraħ. Xprunatur ewlieni għal din l-estensjoni huwa t-tkabbir rapidu tas-suq u kemm il-prodotti emerġenti huma attraenti,

[1] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar ambjenti bla tipjip (ĠU C 296, 5.12.2009, p. 4).

speċjalment fost iż-żgħażagħ, mill-2009 u l-esponiment li bħalissa huwa sinifikanti għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor f'ċerti spazji fil-beraħ. Fl-2009, il-prodotti tat-tabakk imsaħħan għadhom ma daħlux fis-suq tal-UE u s-sigaretti elettroniċi daħlu biss sa ċertu punt; għalhekk ir-Rakkomandazzjoni kurrenti timmira biss il-prodotti tat-tabakk tradizzjonali billi tirreferi għad-"duħħan mit-tabakk", jiġifieri ma tkoprix il-prodotti emerġenti kollha. Madankollu, mill-2009, il-prodotti emerġenti bħas-sigaretti elettroniċi u l-prodotti tat-tabakk imsaħħan żiedu l-ishma tagħhom fis-suq. Fost dawk li wieġbu għall-Ewrobarometru tal-2023 dwar l-attitudnijiet tal-Ewropej lejn it-tabakk u prodotti relatati, 3 % huma utenti kurrenti tas-sigaretti elettroniċi meta mqabbla ma' 2 % fl-2020. Aspett partikolarment ta' tħassib tal-adozzjoni tal-prodotti emerġenti f'dawn l-aħħar snin kien l-attraenza tagħhom fost it-tfal u ż-żgħażagħ; fil-fatt, 54 % tal-persuni li bħalissa qegħdin jpejpu u li kienu jpejpu jibdew ipejpu qabel l-età ta' 19-il sena u 14 % jibdew qabel l-età ta' 15-il sena[2].

Evidenza mir-riċerka turi li l-emissjonijiet m'għand ħaddieħor mill-prodotti emerġenti jista' potenzjalment ikollhom impatti ta' ħsara fuq is-saħħa. Fl-opinjoni tiegħu dwar is-sigaretti elettroniċi, il-kumitat konsultattiv tal-Kummissjoni Ewropea magħruf bħala l-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti (SCHEER) ikkonkluda li hemm evidenza dgħajfa sa moderata tar-riskji ta' ħsara respiratorja, kardjovaskulari u karċinoġenika minħabba l-esponiment għall-aerosols m'għand ħaddieħor minn sigaretti elettroniċi[3]. Il-proġett TackSHS iffinanzjat mill-UE wera li l-piż tad-duħħan m'għand ħaddieħor għadu sostanzjali, ikkwantifika r-riskju għas-saħħa u l-kostijiet ekonomiċi għal bosta Stati Membri u ppropona interventi bl-għan li jitnaqqas l-esponiment għad-duħħan m'għand ħaddieħor biex jitnaqqas il-piż tal-mard fost it-tfal u l-adulti[4]. Dan l-aħħar, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa[5,6,7,8] enfasizzat, fost tħassib ieħor relatat mal-prodotti emerġenti, l-effetti negattivi fuq is-saħħa mill-esponiment għall-aerosols m'għand ħaddieħor. Pereżempju, hemm evidenza li l-esponiment għall-emissjonijiet m'għand ħaddieħor mill-prodotti tat-tabakk imsaħħna hu assoċjat ma' anomaliji respiratorji u kardjovaskolari sinifikanti mill-persuni fil-qrib[9,10,11,12,13,14]. Barra minn hekk, l-aerosols

---

2 Ewrobarometru Speċjali 539. 2023. Attitudes of Europeans towards tobacco and related products. ISBN: 978-92-68-07599-9.

3 SCHEER (il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti). Opinion on electronic cigarettes. Is-16 ta' April 2021.

4 https://www.tackshs.eu/wp-content/uploads/2019/10/TackSHS-leaflet_20191023.pdf

5 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Report on the global tobacco epidemic 2021: addressing new and emerging products. 2021. ISBN: 978 92 4 003209 5, p. 30-38.

6 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Report on the global tobacco epidemic 2023: protect people from tobacco smoke. 2023. ISBN: 978-92-4-007716-4, p. 31-32.

7 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Technical note on the call to action on electronic cigarettes. 2023. p.3-4. https://www.who.int/publications/m/item/technical-note-on-call-to-action-on-electronic-cigarettes

8 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Electronic cigarettes call to action. 2023. https://www.who.int/publications/m/item/electronic-cigarettes---call-to-action

9 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Heated tobacco products: summary of research and evidence of health impacts. 2023. p. 12-13. https://www.who.int/publications/i/item/9789240042490

10 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. WHO study group on tobacco product regulation: Report on the scientific basis of tobacco product regulation: eighth report of a WHO study group. 2021. https://www.who.int/publications/i/item/9789240022720

11 Yoshioka T, Shinozaki T, Hori A, Okawa S, Nakashima K, Tabuchi T. Association between exposure to secondhand aerosol from heated tobacco products and respiratory symptoms among current non-smokers in Japan: a cross-sectional study. BMJ Open. 2023;13:e065322. doi: 10.1136/ bmjopen-2022-065322

m'għand ħaddieħor minn sigaretti elettroniċi, kemm jekk bin-nikotina jew mingħajrha, jesponu lill-persuni fil-qrib għall-materja f'partiċelli b'livelli kwantifikabbli u għas-sustanzi tossiċi u għall-kontaminanti ewlenin [15,16,17,18,19,20,21]. Għall-kuntest, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tqis li s-sigaretti elettroniċi bin-nikotina joħolqu dipendenza kbira u jagħmlu ħsara lis-saħħa[6,7]. Hi tenfasizza wkoll li l-ebda livell ta' esponiment tal-kurrent laterali ma huwa sikur jew aċċettabbli u li għandu jittieħed approċċ bir-reqqa[4]. Barra minn hekk, sabiex jinkisbu livelli ogħla ta' protezzjoni mid-duħħan u mill-aerosols m'għand ħaddieħor, il-leġiżlazzjoni kontra d-duħħan għandha tkun komprensiva u tkopri l-prodotti emerġenti fid-dispożizzjonijiet tagħha[5]. Bosta Stati Membri diġà ħadu miżuri protettivi inkluż il-projbizzjoni tat-tipjip f'postijiet fuq ġewwa u fil-beraħ jew il-projbizzjoni tal-użu tal-prodotti emerġenti fil-postijiet pubbliċi. [22]

Għaldaqstant, u filwaqt li jissokta l-iżvilupp kontinwu tal-bażi tal-evidenza kurrenti, reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jiġu inklużi l-prodotti emerġenti hi ġustifikata u xierqa biex jiġi indirizzat ir-riskju tal-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor sabiex tiġi ggarantita protezzjoni ta' livell għoli tas-saħħa pubblika. Dan l-approċċ huwa allinjat mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prinċipju ta' prekawzjoni[23].

L-estensjoni proposta tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni hija pass kbir lejn id-denormalizzazzjoni tat-tipjip u l-użu tal-prodotti emerġenti li jistgħu jimitaw l-azzjoni tat-tipjip li huwa element kruċjali tal-kisba ta' ġenerazzjoni ħielsa mit-tabakk fl-Unjoni sal-2040. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni hi partikolarment importanti minħabba l-fatt li l-użu tal-prodotti emerġenti, speċjalment dawk li fihom in-nikotina, b'mod partikolari miż-żgħażagħ, jistgħu jsiru punt tat-tluq għall-użu sussegwenti tal-prodotti tradizzjonali tat-

---

12 Imura Y, Tabuchi T. Exposure to secondhand heated-tobacco-product aerosol may cause similar incidence of asthma attack and chest pain to secondhand cigarette exposure: the JASTIS 2019 study. Int J Environ Res Public Health. 2021;18(4):1766. doi: 10.3390/ijerph18041766

13 Uguna CN, Snape CE. Should IQOS emissions be considered as smoke and harmful to health? A review of the chemical evidence. ACS Omega. 2022;7(26):22111–24. doi: 10.1021/ acsomega.2c01527.

14 Auer R, Concha-Lozano N, JacotSadowski I, Cornuz J, Berthet A. Heat-not-burn tobacco cigarettes: smoke by any other name. JAMA Intern Med. 2017;177(7):1050–2. doi: 10.1001/ jamainternmed.2017.1419.

15 Fernández E, Ballbè M, Sureda X, Fu M, Saltó E, Martínez-Sánchez JM. Particulate matter from electronic cigarettes and conventional cigarettes: a systematic review and observational study. Curr Environ Health Rep. 2015;2(4):423–9. doi: 10.1007/s40572- 015-0072-x.

16 Li L, Lin Y, Xia T, Zhu Y. Effects of electronic cigarettes on indoor air quality and health. Annu Rev Public Health. 2020;41(1):363–80. doi: 10.1146/ annurev-publhealth-040119-094043.

17 Hess I, Lachireddy K, Capon A. A systematic review of the health risks from passive exposure to electronic cigarette vapour. Public Health Research & Practice. 2016;26(2).

18 Borgini A, Veronese C, De Marco C, Boffi R, Tittarelli A, Bertoldi M et al. Particulate matter in aerosols produced by two last generation electronic cigarettes: a comparison in a real-world environment. Pulmonology. 2021.

19 Exposure to aerosols from smoking-proxy electronic inhaling systems: a systematic review. Barcelona: Tobacco Control Unit, Institut Català d'Oncologia; 2016.

20 Lerner CA, Sundar IK, Yao H, Gerloff J, Ossip DJ, McIntosh S et al. Vapors produced by electronic cigarettes and e-juices with flavorings induce toxicity, oxidative stress, and inflammatory response in lung epithelial cells and in mouse lung. PLoS One. 2015;10(2):e0116732

21 Glantz, S.A., Nguyen, N., & Oliveira da Silva, A.L. (2024). Population-Based Disease Odds for E-Cigarettes and Dual Use versus Cigarettes. NEJM Evidence, 3(3). DOI: 10.1056/EVIDoa2300229.

22 Uħud mill-eżempji ta' Stati Membri li diġà ħadu miżuri protettivi jinkludu Spanja, il-Latvja u l-Iżvezja (Dokument ta' ħidma tal-Persunal li jakkumpanja r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Ambjenti Mingħajr Duħħan u Aerosol li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2009/C 296/02).

23 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prinċipju ta' prekawzjoni (COM/2000/0001 final).

tabakk kombustibbli. Dan jista' jirriżulta f'"użu doppju" fejn l-utenti jikkonsmaw kemm il-prodotti tat-tabakk konvenzjonali kif ukoll il-prodotti emerġenti fl-istess ħin u spiss jaqilbu minn wieħed għall-ieħor skont fejn japplikaw ir-regoli kontra d-duħħan[24,25,26,27,28].

Fir-rigward tal-ispazji fil-beraħ li ma humiex koperti b'mod espliċitu mir-Rakkomandazzjoni kurrenti, bħalissa hemm esponiment sinifikanti għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor f'postijiet bħall-ispazji fil-beraħ ta' postijiet tal-ospitalità u fl-ispazji fil-beraħ maħsuba għall-użu mit-tfal u mill-adolexxenti. Fil-fatt, 74 % ta' dawk li wieġbu l-Ewrobarometru jgħidu li esperjenzaw nies li jpejpu f'terrazzini fil-beraħ fl-aħħar 6 xhur u 71 % ta' dawk li wieġbu jgħidu li esperjenzaw nies li jużaw is-sigaretti elettroniċi u l-prodotti tat-tabakk imsaħħan fl-istess postijiet. 42 % ta' dawk li wieġbu jgħidu li n-nies kienu qed ipejpu f'postijiet fil-beraħ maħsuba għall-użu mit-tfal u mill-adolexxenti u 49 % ta' dawk li wieġbu jgħidu li esperjenzaw nies li jużaw is-sigaretti elettroniċi u l-prodotti tat-tabakk imsaħħan fl-istess postijiet[2]. Il-proposta biex tiġi estiża l-kopertura tar-Rakkomandazzjoni kurrenti tal-Kunsill biex jiġu inklużi spazji fil-beraħ speċifiċi għandha l-għan li tipproteġi aħjar lin-nies, b'mod partikolari lit-tfal u liż-żgħażagħ, minn esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor.

Azzjonijiet ta' appoġġ tal-Kummissjoni

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta fiha rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri biex jindirizzaw aħjar ir-riskji mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor f'ċerti spazji fil-beraħ. Il-Kummissjoni qed tippjana li twettaq sensiela ta' miżuri biex tappoġġa lill-pajjiżi fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni biħsiebha tinkoraġġixxi u/jew issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fuq l-iskambju tal-aħjar prassi dwar it-tisħiħ u/jew l-iżvilupp ta' politiki, ta' programmi u ta' strateġiji komprensivi dwar ambjenti mingħajr duħħan u aerosol, u tappoġġa t-tfassil u l-pilotaġġ ta' approċċi ambizzjużi u effiċjenti lejn il-kisba ta' ambjenti mingħajr duħħan u aerosol. It-tieni, il-Kummissjoni tipprevedi li tipprovdi appoġġ, permezz tal-programmi tal-UE, tal-fora għad-diskussjoni u tal-għodod ta' kollaborazzjoni eżistenti, għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni mill-Istati Membri u għall-infurzar tal-miżuri għall-kontroll tat-tabakk u tan-nikotina.

Il-Kummissjoni biħsiebha wkoll tappoġġa l-kontroll tat-tabakk u tan-nikotina, u l-prevenzjoni tad-dipendenza, billi tippromwovi aktar ir-riċerka. Dawn l-isforzi ta' riċerka huma maħsuba jinkludu l-prodotti emerġenti li jarmu duħħan jew l-aerosols, inklużi l-prodotti tat-tabakk imsaħħan, is-sigaretti elettroniċi, kemm jekk fihom in-nikotina kif ukoll jekk le, is-surrogati tat-tabakk li jarmu duħħan jew aerosols[29], u kwalunkwe prodott ieħor li jarmi d-duħħan u/jew l-aerosol, u l-prodotti li jarmu in-nikotina u l-prodotti li jixbhu l-użu

[24] Ewrobarometru Speċjali 506. 2021. Attitudes of Europeans towards tobacco and electronic cigarettes. ISBN: 978-92-76-27171-0, p. 10.

[25] L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Report on the global tobacco epidemic 2021: addressing new and emerging products. 2021. ISBN: 978 92 4 003209 5, p. 36.

[26] Kalkhoran S, Glantz SA. E-cigarettes and smoking cessation in real-world and clinical settings: a systematic review and meta-analysis. Lancet Respiratory Medicine. 2016;4(2):116–28.

[27] Felicione NJ, Ozga-Hess JE, Ferguson SG, Dino G, Kuhn S, Haliwa I et al. Cigarette smokers' concurrent use of smokeless tobacco: dual use patterns and nicotine exposure. Tobacco Control. 2021;30(1):24–29.

[28] Wang JB, Olgin JE, Nah G, Vittinghoff E, Cataldo JK, Pletcher MJ et al. Cigarette and e-cigarette dual use and risk of cardiopulmonary symptoms in the Health eHeart Study. PLoS One. 2018;13(7):e0198681.

[29] Fil-kuntest ta' din proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, is-surrogati tat-tabakk huma prodotti li mhumiex tat-tabakk li jarmu d-duħħan u l-aerosols li jistgħu jintużaw fl-istess ħin bħall-prodotti tat-tabakk jew li jirriflettu l-użu tal-prodotti tat-tabakk.

tal-prodotti li jirrilaxxaw in-nikotina. Il-Kummissjoni biħsiebha wkoll issaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż fir-riċerka, dwar is-suġġetti koperti minn din ir-Rakkomandazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni biħsiebha tiżviluppa sett ta' għodod ta' prevenzjoni li jappoġġaw il-protezzjoni aħjar tas-saħħa tat-tfal u taż-żgħażagħ fl-aktar snin vulnerabbli u formattivi ta' ħajjithom, inkluża enfasi fuq il-prevenzjoni mid-dipendenza fuq it-tipjip u n-nikotina, u li jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn is-saħħa mentali u fiżika u d-determinanti ewlenin tas-saħħa.

Il-Kummissjoni biħsiebha timplimenta l-azzjonijiet ta' appoġġ kollha b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din il-proposta tikkomplimenta d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE[30]. Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli għat-tabakk u għal prodotti relatati fis-suq tal-UE. Hija tipprovdi qafas regolatorju għal, fost l-oħrajn, il-prodotti tat-tabakk imsaħħan u s-sigaretti elettroniċi. Id-Direttiva għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern għat-tabakk u għal prodotti relatati, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa għan-nies fl-Unjoni.

Din il-proposta se tikkontribwixxi wkoll għall-objettivi relatati mat-tabakk tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, b'mod partikolari l-objettiv li tinkiseb ġenerazzjoni ħielsa mit-tabakk. Filwaqt li taħdem f'sinerġija mill-qrib mal-Pjan, il-Missjoni dwar il-Kanċer tal-UE[31] tappoġġa dan l-objettiv billi tiġġenera evidenza ġdida madwar il-prevenzjoni u l-bidliet fl-imġiba, tibni fuq ir-riċerka dwar it-tabakk appoġġata mill-programmi ta' Orizzont 2020 u ta' Orizzont Ewropa[32].

Din il-proposta hija komplementari għall-inizjattiva tal-UE dwar il-mard mhux komunikabbli bl-isem "Healthier Together", li għandha l-għan li tindirizza l-fatturi ta' riskju komuni għall-kanċer u għal mard mhux komunikabbli ieħor, inkluż l-użu tat-tabakk. Fost l-oħrajn, din il-proposta tittratta d-determinanti tas-saħħa. Permezz ta' diversi miżuri fl-ambitu tal-Programm l-UE għas-Saħħa, il-proposta tipprovdi finanzjament mill-Unjoni għal miżuri dwar id-determinanti tas-saħħa mmirati biex jindirizzaw il-fatturi ta' riskju relatati ma' diversi mard mhux komunikabbli u biex jiżviluppaw interventi fuq temi trażversali ewlenin bħall-kontroll tat-tabakk.

Din il-proposta hija komplementari għal, iżda għandha kamp ta' applikazzjoni usa' mill-miżuri globali għall-kontroll tat-tabakk stipulati fil-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC) tad-WHO , li hija trattat internazzjonali, li għalih l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma Partijiet, bl-objettiv ewlieni li titrawwem il-kooperazzjoni internazzjonali biex jinkiseb rispons internazzjonali effettiv, xieraq u komprensiv għat-tixrid tal-epidemija globali tat-tabakk. B'mod aktar speċifiku, din ir-reviżjoni hija

30 ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1.

31 https://research-and-innovation.ec.europa.eu/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-europe/eu-missions-horizon-europe/eu-mission-cancer_en

32 Fl-ambitu ta' Orizzont 2020 u ta' Orizzont Ewropa, ġew iffinanzjati aktar minn 55 proġett relatati mar-riċerka dwar it-tabakk, b'baġit totali ta' madwar EUR 110 miljun.

komplementari għall-Artikolu 8 tal-FCTC li jittratta l-protezzjoni mill-esponiment għad-duħħan tat-tabakk.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva hija konsistenti mal-pjan ta' azzjoni ta' Tniġġis Żero[33] li, skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, jistabbilixxi l-objettiv li, sal-2050, jitnaqqas it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija għal livelli li ma jibqgħux ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ekosistemi naturali u li jirrispettaw il-limiti li l-pjaneta tagħna tista' tlaħħaq magħhom, biex b'hekk jinħoloq ambjent mingħajr sustanzi tossiċi. Ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar ambjenti bla tipjip jista' jkollha impatt ambjentali pożittiv billi tnaqqas d-duħħan u l-aerosols li joriġinaw mill-użu tal-prodotti emerġenti, u billi tnaqqas l-iskart u ż-żibel mir-rimi ta' loqom tas-sigaretti, ta' filtri tal-plastik u ta' apparat, b'mod partikolari ta' apparat mhux riutilizzabbli, użat flimkien mal-prodotti emerġenti. Barra minn hekk, il-konsum tat-tabakk tradizzjonali u tal-prodotti emerġenti jista' jkun periklu ambjentali ta' nirien u ta' sikurezza.

Din il-proposta hija konsistenti wkoll mal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal[34], li tenfasizza li l-UE u l-Istati Membri jridu jirrispettaw, jipproteġu, jippromwovu u jissodisfaw id-drittijiet tat-tfal. F'wieħed mill-oqsma tematiċi tagħha, l-istrateġija tirreferi għad-dritt għal għajxien, edukazzjoni u saħħa tajbin għat-tfal kollha fl-UE. Ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar ambjenti bla tipjip hija partikolarment ikkonċernata bil-protezzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 168(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) li skontu l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta rakkomandazzjonijiet għall-iskopijiet stabbiliti fl-Artikolu 168, li jikkonċerna l-protezzjoni tas-saħħa pubblika. L-objettiv primarju ta' din il-proposta huwa li tipproteġi aħjar lin-nies fl-Unjoni, b'mod partikolari lit-tfal u liż-żgħażagħ, mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor. B'hekk, din il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tista' tiġi adottata abbażi tal-Artikolu 168(6) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Din il-proposta se tgħin biex jiżdiedu l-livelli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosol m'għand ħaddieħor kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll fi ħdanhom. L-azzjoni tal-Unjoni, li tkun tikkomplimenta l-politiki nazzjonali, ġġib valur miżjud ċar għall-isforzi nazzjonali billi tipprovdi lill-Istati Membri li għadhom ma implimentawx leġiżlazzjoni komprensiva kontra d-duħħan b'rakkomandazzjonijiet biex jagħmlu dan. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta tirrispetta r-responsabbiltà tal-Istati Membri tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom.

---

33 Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" (COM/2021/400 final).

34 L-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (COM/2021/142 final)

- **Proporzjonalità**

  Din il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 168(6) tat-TFUE tqis l-azzjoni tal-UE li, kif stabbilit fl-Artikolu 168(1) tat-TFUE, għandha tikkomplementa l-politiki nazzjonali u għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika. L-objettiv ta' din il-proposta huwa li tipproteġi aħjar lin-nies fl-Unjoni mid-duħħan u mill-aerosols m'għand ħaddieħor, b'enfasi fuq l-inklużjoni tal-prodotti emerġenti u tal-ispazji fil-berah speċifiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Il-proposta għar-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill kurrenti[1] hija adegwata biex jintlaħaq l-objettiv maħsub u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat minħabba li tirriżulta f'żieda fil-benefiċċji pożittivi għas-saħħa. Barra minn hekk, l-impatti ekonomiċi huma megħluba mill-benefiċċji tas-saħħa pubblika u mill-iffrankar mistenni għas-sistemi tal-kura tas-saħħa u mill-kostijiet ambjentali mnaqqsa.

- **Għażla tal-istrument**

  L-istrument ta' politika għal din ir-reviżjoni, proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, jibqa' l-istess u jirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-qasam tas-saħħa pubblika. Huwa strument mhux vinkolanti li permezz tiegħu l-Istati Membri jadattaw l-approċċi tagħhom għall-ħtiġijiet nazzjonali tagħhom.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

  Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

  Il-kontribut u l-feedback għal din l-inizjattiva nġabru permezz ta' sejħa għal evidenza[35] u permezz ta' diversi attivitajiet ta' konsultazzjoni mmirati (stħarriġ immirat, intervisti mmirati u gruppi fokali). Ġew ikkonsultati l-gruppi tal-partijiet ikkonċernati li ġejjin: 1) ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri; 2) l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; 3) ir-rappreżentanti mill-industrija tat-tabakk u tal-prodotti relatati; 4) ir-rappreżentanti mis-settur tal-HORECA; 5) il-partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, bħal dawk fl-assoċjazzjonijiet tal-edukazzjoni u tal-isport. Il-kontribut dwar ir-reviżjonijiet inġabar ukoll permezz ta' laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Politika tat-Tabakk fit-3 ta' Mejju 2023. Fl-aħħar nett, wasal feedback bil-miktub dwar ir-reviżjonijiet proposti tar-Rakkomandazzjoni mill-Azzjoni Konġunta dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (JATC-2).

  Is-sejħa għal evidenza kienet miftuħa għall-kontribuzzjoni mit-22 ta' Ġunju sal-20 ta' Lulju 2022 u wasslet għal 207 tweġibiet[36]. Il-maġġoranza tal-Organizzazzjonijiet Nongovernattivi, tal-istituzzjonijiet akkademiċi/tar-riċerka u tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-biċċa l-kbira jappoġġaw l-aġġornamenti proposti għar-Rakkomandazzjoni tal-2009. Xi wħud mill-punti li ġew enfasizzati jikkonċernaw l-

[35] Semma' leħnek. Ambjenti mingħajr duħħan - rakkomandazzjoni aġġornata. Sejħa għal evidenza. It-22 ta' Ġunju 2022 - l-20 ta' Lulju 2022.

[36] Waslu tweġibiet mingħand ċittadini tal-UE (101), min-negozji, mill-konsumaturi, mill-organizzazzjonijiet u tal-kummerċ (47), mill-Organizzazzjonijiet Nongovernattivi (28), mill-istituzzjonijiet akkademiċi/tar-riċerka (6) u mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri (4).

importanza taż-żieda tal-prodotti emerġenti (inklużi l-prodotti mingħajr nikotina) u l-impatt pożittiv li l-aġġornamenti għar-Rakkomandazzjoni jkollhom fl-indirizzar taż-żieda fil-popolarità, tar-reklamar u tal-użu tal-prodotti emerġenti, b'mod partikolari fost it-tfal u ż-żgħażagħ. Barra minn hekk, ġiet enfasizzata l-importanza li tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tal-liġijiet kontra d-duħħan u l-aerosol fl-Istati Membri kollha. Il-feedback li wasal min-negozji jopponi fil-biċċa l-kbira kwalunkwe aġġornament tar-Rakkomandazzjoni.

Matul l-attivitajiet ta' konsultazzjoni mmirati, il-biċċa l-kbira tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti enfasizzaw li l-emendi tar-Rakkomandazzjoni proposti jgħinu biex jipproteġu lill-pubbliku mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor. Huma nnotaw li dan ikollu effett pożittiv f'termini tal-armonizzazzjoni tar-regoli kontra d-duħħan fi ħdan l-Istati Membri u minn Stat Membri għall-ieħor u li l-impatt ekonomiku u l-piż amministrattiv li jirriżultaw ikunu minuri u megħluba mill-benefiċċji għas-saħħa. Ġew enfasizzati sfidi possibbli ta' infurzar u ta' konformità.

Il-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li ġew ikkonsultati qablu li l-estensjoni proposta biex tkopri l-prodotti emerġenti u l-ispazji fil-beraħ ikollha impatt pożittiv fit-tnaqqis tal-esponiment għad-duħħan /għall-aerosols m'għand ħaddieħor u li din konsegwentement tkun tgħin biex tipproteġi lin-nies, b'mod partikolari lit-tfal, lill-adolexxenti u lil nies oħrajn li huma aktar vulnerabbli, pereżempju liċ-ċittadini b'mard kroniku jew b'kundizzjoni sottostanti tas-saħħa, jew lin-nies tqal. Huma nnotaw ukoll li r-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tkun tikkontribwixxi għad-denormalizzazzjoni tat-tipjip u tal-użu tal-prodotti emerġenti. Xi organizzazzjonijiet enfasizzaw l-importanza li r-Rakkomandazzjoni riveduta tibqa' "valida fil-futur" quddiem żviluppi u xejriet possibbli fi prodotti emerġenti tat-tabakk. Diversi organizzazzjonijiet indikaw ukoll il-benefiċċji ambjentali fi sfond ta' tħassib sinifikanti dwar l-impatti ambjentali negattivi tat-tipjip u għall-użu tal-prodotti emerġenti, bħal-loqom tas-sigaretti mormija bħala żibel, il-"vapes" mhux riutilizzabbli jew li jintużaw darba biss u l-batteriji mormija. Fl-aħħar nett, il-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili raw l-interferenza u l-lobbjar tal-industrija, l-infurzar u l-konformità bħala sfidi relatati mar-reviżjoni.

Ir-rappreżentanti mill-industrija tat-tabakk u tal-prodotti relatati li ġew ikkonsultati kienu fil-biċċa l-kbira kontra l-emendi tar-Rakkomandazzjoni kurrenti rigward il-prodotti emerġenti u l-ispazji fil-beraħ. Huma enfasizzaw li l-prodotti emerġenti ma għandhomx ikunu soġġetti għall-istess livell ta' restrizzjonijiet bħall-prodotti tradizzjonali tat-tabakk kombustibbli fil-kuntest tar-regoli kontra d-duħħan. Madankollu, xi rappreżentanti tal-industrija tat-tabakk qablu wkoll li l-estensjoni tar-regoli għall-ispazji fil-beraħ fejn ikunu preżenti t-tfal u l-adolexxenti tista' tgħin biex dawn jiġu protetti mid-duħħan u mill-aerosols m'għand ħaddieħor.

Ir-rappreżentanti mis-settur tal-HORECA kellhom fehmiet differenti. Xi whud appoġġaw fil-biċċa l-kbira l-emendi proposti fir-rigward tal-kamp tal-applikazzjoni kemm tal-prodotti kif ukoll tal-ispazji; huma nnotaw li dan ikollu effett pożittiv fuq is-saħħa tal-impjegati fis-settur minħabba li dan ikun jgħin biex huma jiġu protetti mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor. Oħrajn esprimew ċertu livell ta' riżerva għar-reviżjoni proposta tar-Rakkomandazzjoni, b'mod partikolari għall-miżura li jiġu inklużi l-ispazji fil-beraħ tal-istabbilimenti tal-ospitalità. B'mod partikolari, ir-rappreżentanti min-negozji tal-HORECA enfasizzaw it-tħassib tagħhom dwar it-telf tal-klijenti, il-biża' tagħhom li jista' jkun li potenzjalment ikollhom jiddedikaw riżorsi biex jaġġustaw għal miżuri ġodda u li, fil-każ tal-industrija tal-lukandi, il-klijenti tagħhom jistgħu jaqilbu għas-settur tal-kiri għal żmien qasir, li jirriżulta f'kompetizzjoni kummerċjali inġusta. Ma ġiet ipprovduta l-ebda informazzjoni kwantitattiva jew stimi fattwali biex jappoġġaw l-impatti ekonomiċi negattivi

li ssemmew. B'kuntrast għal dan, ir-rappreżentanti tal-impjegati fis-settur tal-HORECA ħasbu li l-impatt ekonomiku jkun newtrali u negliġibbli.

Ir-rappreżentanti mill-industrija tat-tabakk semmew li l-inizjattiva kienet se tnaqqas id-domanda kemm għall-prodotti tat-tabakk tradizzjonali kif ukoll għall-prodotti emerġenti bħas-sigaretti elettroniċi li tkun tħalli impatt negattiv fuq l-impjiegi fl-industrija tat-tabakk u tal-prodotti emerġenti.

Il-Grupp ta' Esperti dwar il-Politika tat-Tabakk u l-Azzjoni Konġunta dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (JATC-2) appoġġaw l-inklużjoni tal-prodotti emerġenti u tal-ispazji fil-berah.

Il-kontribut, is-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Istati Membri u ta' partijiet ikkonċernati oħrajn ġew analizzati u kkunsidrati kemm jista' jkun u f'konformità mal-evidenza xjentifika rilevanti u disponibbli. L-eżiti dettaljati tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni kollha u kif dawn ġew ikkunsidrati huma deskritti fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

  Kif imsemmi hawn fuq, sabiex tiġi appoġġata din ir-Rakkomandazzjoni, ġew organizzati diversi attivitajiet ta' konsultazzjoni mmirati lejn gruppi ta' partijiet ikkonċernati rilevanti biex jinġabru opinjonijiet u evidenza.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

  Il-valutazzjoni tal-impatt ma kinitx meqjusa meħtieġ minħabba li l-inizjattiva proposta hija rakkomandazzjoni mhux vinkolanti għall-Istati Membri u tħalli lok għal approċċi nazzjonali differenti. Din l-inizjattiva għandha l-għan li taġġorna r-Rakkomandazzjoni preċedenti tal-2009 b'rispons għall-iżviluppi teknoloġiċi mill-2009 rigward il-prodotti emerġenti u li tevita approċċ każ b'każ meta jiġu applikati r-regoli kontra d-duħħan għall-ispazji pubbliċi. L-istudju tal-2021[37] dwar l-ambjenti mingħajr duħħan u r-reklamar tat-tabakk u tal-prodotti relatati wrew li r-reviżjoni hija mistennija li jkollha impatt soċjali u fuq is-saħħa pożittiv u li d-daqs tal-impatti ekonomiċi negattivi li jistgħu jiffaċċjaw l-operaturi ekonomiċi huwa limitat u/jew insinifikanti. L-evidenza ta' sostenn u l-konklużjonijiet mill-istudju huma ppreżentati fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

  Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

  […]

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli

[37] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari. Study on smoke-free environments and advertising of tobacco and related products. 2021. ISBN: 978-92-76-42343-0.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

  Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tirrapporta dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, fi żmien 5 snin wara l-adozzjoni tagħha.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

  Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

  Mhux applikabbli

2024/0230 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-Ambjenti Mingħajr Duħħan u Aerosol li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2009/C 296/02

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 168(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-esponiment għad-duħħan tat-tabakk m'għand ħaddieħor huwa sors mifrux ta' mortalità, ta' morbidità u ta' diżabilità fl-Unjoni. Tali esponiment huwa assoċjat mal-konsum tat-tabakk, li jibqa' l-kawża ewlenija ta' kanċers li jistgħu jiġu evitati, b'27 % tal-kanċers kollha attribwiti għall-użu tat-tabakk.

(2) L-użu tat-tabakk għadu mifrux globalment u madwar l-Unjoni kollha. Fl-2023, 24 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea huma stmati li jpejpu[1].

(3) Il-kost ekonomiku globali annwali tat-tipjip kien stmat għal US$ 1.4 triljun fl-2012, li hu ekwivalenti għal 1,8 % tal-prodott domestiku gross (GDP) globali. Diġà fl-2009, fl-UE, it-tipjip tat-tabakk sewa €544 biljun li hu madwar 4,6 % tal-EU27 flimkien mal-GDP.[2]

(4) Huwa xieraq li jingħata kontribut lejn it-tnaqqis tal-livell tat-tipjip fl-Unjoni, fi qbil mal-objettiv tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[3] biex tinkiseb ġenerazzjoni ħielsa mit-tabakk fejn 5 % biss tal-popolazzjoni tal-Unjoni tuża prodotti tat-tabakk meta mqabbla mal-24 % tal-lum.

(5) Il-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ġiet żviluppata bil-għan li trawwem rispons internazzjonali effettiv u komprensiv għat-tixrid tal-epidemija globali tat-tabakk. L-Artikolu 8 tal-FCTC jirrikjedi li l-partijiet tagħha jipprovdu protezzjoni effettiva mid-duħħan tat-tabakk m'għand ħaddieħor fil-postijiet tax-xogħol, fit-trasport pubbliku u fil-postijiet fuq ġewwa; il-linji gwida annessi għandhom l-għan li jgħinu lill-partijiet jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 8 tal-FCTC.

(6) L-Istrateġija Ewropea dwar il-Kontroll tat-Tabakk adottata mill-Kumitat Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. f'Settembru 2002, irrakkomandat

---

1 Ewrobarometru Speċjali 539. 2023. Attitudes of Europeans towards tobacco and related products. ISBN: 978-92-68-07599-9.

2 Health Promotion (who.int), Tobacco and Smoking | Knowledge for policy (europa.eu)

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM/2021/44 final.

li l-Istati Membri tad-WHO jiżguraw d-drittijiet taċ-ċittadini għal ambjent mingħajr duħħan billi, *inter alia*, jagħmlu l-ispazji fil-beraħ, il-postijiet tax-xogħol u t-trasport pubbliku mingħajr duħħan, jipprojbixxu t-tipjip fil-beraħ fl-istituzzjonijiet edukattivi kollha għall-minuri, fil-postijiet kollha tal-għoti tal-kura tas-saħħa u fl-avvenimenti pubbliċi, kif ukoll billi jikklassifikaw id-duħħan tat-tabakk fl-ambjent (ETS – environmental tobacco smoke) bħala karċinoġenu[4].

(7) L-emissjonijiet m'għand ħaddieħor mill-prodotti emerġenti jista' potenzjalment ikollhom impatti ta' ħsara fuq is-saħħa. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tenfasizza li l-emissjonijiet m'għand ħaddieħor mill-prodotti emerġenti jistgħu jesponu lill-persuni għal-livelli potenzjalment ta' ħsara tal-materja partikolata u tas-sustanzi tossiċi ewlenin.

(8) L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa[5],[6],[7], enfasizzat, fost kwistjonijiet oħra relatati mal-prodotti emerġenti, l-effetti negattivi fuq is-saħħa mill-esponiment għall-aerosols m'għand ħaddieħor. Pereżempju, evidenza riċenti indikat li l-esponiment għall-emissjonijiet m'għand ħaddieħor mill-prodotti tat-tabakk imsaħħna kien assoċjat ma' anormalitajiet respiratorji u kardjovaskulari sinifikanti mill-persuni fil-qrib[8,9,10,11,12,13]. Barra minn hekk, l-aerosols m'għand ħaddieħor minn sigaretti elettroniċi, inkluż kemm dawk bin-nikotina kif ukoll dawk mingħajrha, jesponu lill-persuni fil-qrib għall-materja f'partiċelli b'livelli kwantifikabbli u għas-sustanzi tossiċi u għall-kontaminanti ewlenin [14,15,16,17,18,19,20].

---

4 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. 2002. European Strategy for Tobacco Control. https://iris.who.int/handle/10665/107455

5 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Report on the global tobacco epidemic 2023: protect people from tobacco smoke. 2023. ISBN: 978-92-4-007716-4, p. 31-32.

6 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Technical note on the call to action on electronic cigarettes. 2023. p. 3-4. https://www.who.int/publications/m/item/technical-note-on-call-to-action-on-electronic-cigarettes

7 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Electronic cigarettes call to action. 2023. https://www.who.int/publications/m/item/electronic-cigarettes---call-to-action

8 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Heated tobacco products: summary of research and evidence of health impacts. 2023. p. 12-13. https://www.who.int/publications/i/item/9789240042490

9 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa: WHO study group on tobacco product regulation: Report on the scientific basis of tobacco product regulation: eighth report of a WHO study group. 2021. https://www.who.int/publications/i/item/9789240022720

10 Yoshioka T, Shinozaki T, Hori A, Okawa S, Nakashima K, Tabuchi T. Association between exposure to secondhand aerosol from heated tobacco products and respiratory symptoms among current non-smokers in Japan: a cross-sectional study. BMJ Open. 2023;13:e065322. doi: 10.1136/ bmjopen-2022-065322

11 Imura Y, Tabuchi T. Exposure to secondhand heated-tobacco-product aerosol may cause similar incidence of asthma attack and chest pain to secondhand cigarette exposure: the JASTIS 2019 study. Int J Environ Res Public Health. 2021;18(4):1766. doi: 10.3390/ijerph18041766

12 Uguna CN, Snape CE. Should IQOS emissions be considered as smoke and harmful to health? A review of the chemical evidence. ACS Omega. 2022;7(26):22111–24. doi: 10.1021/ acsomega.2c01527.

13 Auer R, Concha-Lozano N, JacotSadowski I, Cornuz J, Berthet A. Heat-not-burn tobacco cigarettes: smoke by any other name. JAMA Intern Med. 2017;177(7):1050–2. doi: 10.1001/ jamainternmed.2017.1419.

14 Fernández E, Ballbè M, Sureda X, Fu M, Saltó E, Martínez-Sánchez JM. Particulate matter from electronic cigarettes and conventional cigarettes: a systematic review and observational study. Curr Environ Health Rep. 2015;2(4):423–9. doi: 10.1007/s40572- 015-0072-x.

15 Li L, Lin Y, Xia T, Zhu Y. Effects of electronic cigarettes on indoor air quality and health. Annu Rev Public Health. 2020;41(1):363–80. doi: 10.1146/ annurev-publhealth-040119-094043.

16 Hess I, Lachireddy K, Capon A. A systematic review of the health risks from passive exposure to electronic cigarette vapour. Public Health Research & Practice. 2016;26(2).

(9) L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. tqis li l-ebda livell ta' esponiment tal-kurrent laterali ma huwa sikur jew aċċettabbli[4] u li għandu jittieħed approċċ bir-reqqa. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda l-applikazzjoni ta' miżuri ta' kontroll tat-tabakk, inkluż il-protezzjoni mill-esponiment, għas-sigaretti elettroniċi[21], 4,5.

(10) Fl-opinjoni tiegħu tal-2021 dwar is-sigaretti elettroniċi[22], il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti (SCHEER) ikkonkluda li hemm evidenza dgħajfa sa moderata tar-riskji ta' ħsara respiratorja, kardjovaskulari u karċinoġenika minħabba l-esponiment għall-aerosols m'għand ħaddieħor minn sigaretti elettroniċi.

(11) Ambjenti mingħajr duħħan u aerosol huma approċċ rikonoxxut u pprovat globalment biex tiġi protetta b'mod adegwat saħħet in-nies mill-effetti ta' ħsara tad-duħħan tat-tabakk u tal-aerosols m'għand ħaddieħor.

(12) F'dawn l-aħħar snin, il-prodotti emerġenti bħas-sigaretti elettroniċi u l-prodotti tat-tabakk imsaħħan kkonsolidaw l-ishma tas-suq tagħhom u l-użu tagħhom qed jiżdied. Abbażi tad-*data* tal-Ewrobarometru, il-prevalenza tal-użu tas-sigaretti elettroniċi madwar l-Unjoni hija ta' 3 % u l-prevalenza tal-użu tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan hija ta' 2 %.

(13) Kwistjoni ta' tħassib speċifiku b'rabta mal-iżviluppi tas-suq tal-prodotti emerġenti, bħas-sigaretti elettroniċi u l-prodotti tat-tabakk imsaħħan, hija l-użu partikolari tagħhom u kemm dawn huma attraenti fost it-tfal u ż-żgħażagħ.

(14) L-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor huwa partikolarment perikoluż għat-tfal u għall-adolexxenti u jista' jżid il-probabbiltà li dawn jibdew ipejpu [4,5,6].

(15) Fl-2023, 54 % tal-persuni li kienu jpejpu u li bħalissa qegħdin jpejpu huma stmati li bdew ipejpu regolarment qabel l-età ta' 19-il sena; 14 % qabel l-età ta' 15-il sena, tul it-tfulija[1].

(16) L-użu tal-prodotti emerġenti li fihom in-nikotina, b'mod partikolari miż-żgħażagħ, huwa assoċjat ma' vizzju u jista' jsir punt tat-tluq għall-użu aktar tard tal-prodotti tat-tabakk tradizzjonali[4].

---

17 Borgini A, Veronese C, De Marco C, Boffi R, Tittarelli A, Bertoldi M et al. Particulate matter in aerosols produced by two last generation electronic cigarettes: a comparison in a real-world environment. Pulmonology. 2021.

18 Exposure to aerosols from smoking-proxy electronic inhaling systems: a systematic review. Barcelona: Tobacco Control Unit, Institut Català d'Oncologia; 2016.

19 Lerner CA, Sundar IK, Yao H, Gerloff J, Ossip DJ, McIntosh S et al. Vapors produced by electronic cigarettes and e-juices with flavorings induce toxicity, oxidative stress, and inflammatory response in lung epithelial cells and in mouse lung. PLoS One. 2015;10(2):e0116732

20 Glantz, S.A., Nguyen, N., & Oliveira da Silva, A.L. (2024). Population-Based Disease Odds for E-Cigarettes and Dual Use versus Cigarettes. NEJM Evidence, 3(3). DOI: 10.1056/EVIDoa2300229.

21 "Applying tobacco control measures to e-cigarettes, including the supply and demand reduction measures of the WHO FCTC" (paġna 3, https://cdn.who.int/media/docs/default-source/tobacco-hq/regulating-tobacco-products/ends-call-to-action.pdf?sfvrsn=ea4c4fdb_12&download=true, li tirreferi għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (paġna 8, https://iris.who.int/bitstream/handle/10665/42811/9241591013.pdf?sequence=1).

22 SCHEER (il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti). Opinion on electronic cigarettes. Is-16 ta' April 2021.

(17) Huwa importanti li mhux biss jiġu kkunsidrati l-iżviluppi reċenti teknoloġiċi u tas-suq relatati mal-prodotti emerġenti iżda li jiġu kkoordinati aħjar l-oqfsa regolatorji nazzjonali kontra d-duħħan u l-aerosol u li jibqgħu validi għall-futur.

(18) Fil-preżent, l-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor f'postijiet bħall-ispazji fil-beraħ tal-postijiet tal-ospitalità u l-ispazji fil-beraħ maħsuba għall-użu mit-tfal u mill-adolexxenti huwa sinifikanti. Abbażi tad-*data* tal-Ewrobarometru tal-2023, 74 % ta' dawk li wieġbu l-Ewrobarometru jgħidu li esperjenzaw nies li kienu qed ipejpu f'terrazzini fil-beraħ f'dawn l-aħħar 6 xhur u 71 % ta' dawk li wieġbu jgħidu li esperjenzaw nies li kienu qed jużaw sigaretti elettroniċi u prodotti tat-tabakk imsaħħan fl-istess postijiet. 42 % ta' dawk li wieġbu jgħidu li n-nies kienu qed ipejpu f'postijiet fil-beraħ maħsuba għall-użu mit-tfal u mill-adolexxenti u 49 % ta' dawk li wieġbu jgħidu li esperjenzaw nies li jużaw is-sigaretti elettroniċi u l-prodotti tat-tabakk imsaħħan fl-istess postijiet[1].

(19) Bosta Stati Membri ħadu miżuri protettivi inkluż il-projbizzjoni tat-tipjip f'postijiet fuq ġewwa u fil-beraħ jew il-projbizzjoni tal-użu tal-prodotti emerġenti fil-postijiet pubbliċi[23] [24].

(20) Għalhekk, huwa xieraq li jiġi estiż l-kamp tal-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni biex tinkludi l-ispazji fil-beraħ speċifiċi biex in-nies fl-Unjoni, speċjalment it-tfal, iż-żgħażagħ u n-nies vulnerabbli, pereżempju ċ-ċittadini b'mard kroniku jew b'kundizzjoni sottostanti tas-saħħa, jew lin-nies tqal jiġu protetti aħjar mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor mill-prodotti emerġenti, pereżempju l-prodotti tat-tabakk imsaħħan, is-sigaretti elettroniċi, kemm jekk fihom in-nikotina kif ukoll jekk le, is-surrogati tat-tabakk u kwalunkwe prodott ieħor li jarmi d-duħħan u/jew l-aerosol.

(21) B'appoġġ għar-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni, tnediet sejħa għal evidenza minn Ġunju sa Lulju 2022 u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tal-operaturi ekonomiċi rilevanti u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn ġew ikkonsultati permezz tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni mmirati minn Marzu sa Mejju 2023.

(22) Il-Kummissjoni biħsiebha tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni effettiva tar-Rakkomandazzjoni permezz tal-programmi tal-UE u tal-għodod ta' kollaborazzjoni eżistenti.

(23) B'mod partikolari, il-Kummissjoni tipprevedi li tgħin fit-tisħiħ tar-riċerka f'dan il-qasam. Dawn l-isforzi ta' riċerka għandhom jinkludu l-prodotti emerġenti (bħas-sigaretti elettroniċi, kemm jekk fihom in-nikotina kif ukoll jekk le, u l-prodotti tat-tabakk imsaħħan); is-surrogati tat-tabakk li jarmu duħħan jew aerosols u kwalunkwe prodott ieħor li jarmi d-duħħan u/jew l-aerosol; u l-prodotti li jirrilaxxaw in-nikotina u l-prodotti li jixbhu l-użu tal-prodotti li jirrilaxxaw in-nikotina. Il-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż fir-riċerka, dwar is-suġġetti koperti minn din ir-Rakkomandazzjoni, hija prevista wkoll li tissaħħaħ.

(24) Il-Kummissjoni biħsiebha tiżviluppa sett ta' għodod ta' prevenzjoni li jappoġġaw il-protezzjoni aħjar tas-saħħa tat-tfal u taż-żgħażagħ fl-aktar snin vulnerabbli u formattivi

[23] Id-Dokument ta' ħidma tal-Persunal li jakkumpanja r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Ambjenti Mingħajr Duħħan u Aerosol li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2009/C 296/02, [referenza]

[24] Study on smoke-free environments and advertisement of tobacco and related products, 2021

ta’ ħajjithom, inkluża enfasi fuq il-prevenzjoni mid-dipendenza fuq it-tipjip u n-nikotina, u li jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn is-saħħa mentali u fiżika u d-determinanti ewlenin tas-saħħa.

(25) Għandhom jitqiesu “l-Linji gwida annessi dwar il-protezzjoni mill-esponiment għad-duħħan tat-tabakk, kif adottati mit-Tieni Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta’ Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tad-WHO”. L-Istati Membri għandhom jitħeġġu jespandu u jmorru lil hinn mill-miżuri li jinsabu f’dawk il-linji gwida.

(26) Din ir-Rakkomandazzjoni tkopri kamp ta’ applikazzjoni usa’ mir-Rakkomandazzjoni 2009/C 296/02 u tissostitwiha, bl-għan li n-nies fl-Unjoni jiġu protetti aħjar mid-duħħan u mill-aerosols m’għand ħaddieħor, filwaqt li tikkontribwixxi b’mod pożittiv għall-objettivi relatati mat-tabakk tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-prevalenza u d-denormalizzazzjoni tat-tipjip u tal-użu tal-prodotti emerġenti.

B’DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

1. Jipprovdu protezzjoni effettiva mill-esponiment għad-duħħan tat-tabakk fil-postijiet tax-xogħol fuq ġewwa, fil-postijiet pubbliċi fuq ġewwa u fit-trasport pubbliku kif stipulat mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta’ Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (FCTC tad-WHO) u abbażi tal-Linji Gwida dwar il-protezzjoni mill-esponiment għad-duħħan tat-tabakk fl-Anness li ġew adottati mit-Tieni Konferenza tal-Partijiet għall-FCTC.

2. Jipprovdu protezzjoni effettiva fil-postijiet tax-xogħol fuq ġewwa, fil-postijiet pubbliċi fuq ġewwa u fit-trasport pubbliku mill-esponiment għall-emissjonijiet m’għand ħaddieħor li joriġinaw mill-użu tal-prodotti emerġenti li jistgħu jarmu duħħan u/jew aerosols, pereżempju il-prodotti tat-tabakk imsaħħan, is-sigaretti elettroniċi, kemm jekk fihom in-nikotina kif ukoll jekk le, u s-surrogati tat-tabakk, u kwalunkwe prodott ieħor li jarmi d-duħħan u/jew l-aerosol.

3. Jipprovdu protezzjoni effettiva mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m’għand ħaddieħor f’żoni ta’ rikreazzjoni fil-beraħ magħżula, speċjalment fejn it-tfal spiss ikunu preżenti. Dawn għandhom jinkludu l-bandli pubbliċi, il-parks tad-divertiment, il-pixxini, iż-żoos u spazji simili oħrajn fil-beraħ.

4. Jipprovdu protezzjoni effettiva mid-duħħan u mill-aerosols m’għand ħaddieħor fi kwalunkwe żona fil-beraħ jew parzjalment fil-beraħ (eż. iż-żoni parzjalment mgħottija, imdawra bil-ħitan jew b’reċint jew inkella delinjati ħdejn stabbiliment jew qribu, inklużi l-bjut, il-gallariji, il-verandi jew it-terrazzini) assoċjati mal-istabbilimenti tas-servizzi. Dawn għandhom jinkludu l-ispazji fil-beraħ tar-ristoranti, tal-ħwienet tax-xorb, tal-kafetteriji u l-ispazji fil-beraħ ta’ bini simili ieħor.

5. Jipprovdu protezzjoni effettiva mid-duħħan u mill-aerosols m’għand ħaddieħor fi kwalunkwe żona fil-beraħ jew parzjalment fil-beraħ marbuta mat-trasport pubbliku, inkuż il-waqfiet tax-xarabank, tat-tram u tal-ferrovija u l-ajruporti.

6. Jipprovdu protezzjoni effettiva mid-duħħan u mill-aerosols m’għand ħaddieħor fi kwalunkwe żona fil-beraħ assoċjata mal-kura tas-saħħa.

7. Jipprovdu protezzjoni effettiva mid-duħħan u mill-aerosols m’għand ħaddieħor fi kwalunkwe żona fil-beraħ ta’ bini relatat mal-kura tas-saħħa. Dawn għandhom jinkludu l-isptarijiet, il-kliniċi, iċ-ċentri tas-saħħa, id-djar tal-anzjani u bini ieħor simili.

8. Jipprovdu protezzjoni effettiva mid-duħħan u mill-aerosols m'għand ħaddieħor fi kwalunkwe żona fil-beraħ ta' bini li jipprovdi edukazzjoni u taħriġ lit-tfal u liż-żgħażagħ. Tali żoni għandhom jinkludu l-istituzzjonijiet ta' indukrar tat-tfal ta' qabel il-primarja, l-iskejjel primarji u sekondarji, l-istituzzjonijiet edukattivi vokazzjonali u tat-taħriġ, l-universitajiet, iċ-ċentri taż-żgħażagħ u bini ieħor simili.

9. Jikkunsidraw l-inklużjoni ta' żoni fil-beraħ oħra fejn il-membri tal-pubbliku, inkluż it-tfal, il-minuri jew in-nies vulnerabbli x'aktarx li jinġabru, f'azzjonijiet komplementari li jipprevjenu l-użu u l-vizzju tat-tabakk u tan-nikotina, u jikkontribwixxu għal ambjenti komprensivi mingħajr duħħan u aerosol. Tali spazji jistgħu jinkludu fost oħrajn żoni fil-beraħ fejn jiġu organizzati avvenimenti, awditorji u żoni tal-ispettaturi f'avvenimenti pubbliċi, u spazji assoċjati mal-bini miftuħ għall-pubbliku minn fejn jgħaddu ħafna nies bil-mixi (pereż. daħliet taċ-ċentri kummerċjali, il-btieħi tal-bini miftuħ għall-pubbliku).

10. Jikkunsidraw l-inklużjoni ta' żoni oħra, bħall-karozzi privati fejn huma preżenti t-tfal, il-minuri jew in-nies vulnerabbli, f'azzjonijiet komplementari li jipprevjenu l-użu u l-vizzju tat-tabakk u tan-nikotina, u jikkontribwixxu għal ambjenti komprensivi mingħajr duħħan u aerosol.

11. Jiżviluppaw u/jew isaħħu l-politiki ambjentali kontra d-duħħan u l-aerosol b'mod partikolari billi:

    a) Jiżviluppaw l-istrateġiji u l-programmi nazzjonali biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols m'għand ħaddieħor.

    b) Japplikaw u/jew jiżviluppaw kampanji ta' prevenzjoni, tal-waqfien mit-tipjip u tas-sensibilizzazzjoni bħall-kampanji edukattivi, il-kampanji ta' informazzjoni u biex jintlaħqu n-nies u biex tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri kontra d-duħħan u l-aerosol. Tali kampanji jistgħu jkunu parti wkoll mill-inizjattivi biex jitnaqqas il-vizzju. Dawn jistgħu jkunu bbażati fuq u/jew jissupplimentaw l-inizjattivi ta' prevenzjoni inklużi fil-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer.

    c) Jiżguraw li jiġu stabbiliti strutturi u mekkaniżmi xierqa biex jippromwovu l-konformità u japplikaw u/jew jiżviluppaw l-aħħar prassi li jistgħu jtejbu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-miżuri għal ambjenti mingħajr duħħan u aerosol.

12. Jaħdmu flimkien fuq l-iskambju tal-aħjar prassi dwar l-iżvilupp ta' politiki, programmi u strateġija ġodda kontra d-duħħan u l-aerosol u t-tisħiħ ta' dawk eżistenti biex jiġi żgurat li huma komprensivi, u dwar id-disinn u l-pilotaġġ ta' approċċi ambizzjużi u effiċjenti lejn il-kisba ta' ambjenti mingħajr duħħan u aerosol.

13. Jikkooperaw mill-qrib bejniethom u mal-Kummissjoni biex jiżviluppaw qafas koerenti ta' definizzjonijiet, ta' punti ta' riferiment u ta' indikaturi għall-implimentazzjoni effettiva ta' din ir-Rakkomandazzjoni u jimmonitorjaw, jevalwaw u jaġġornaw il-miżuri tagħha, kif xieraq.

14. Jirrapportaw lill-Kummissjoni, jiġifieri lill-Grupp ta' Esperti dwar is-Saħħa Pubblika u lill-Grupp ta' Esperti dwar il-Politika tat-Tabakk, dwar l-implimentazzjoni u l-progress tal-miżuri meħuda inizjalment 3 snin wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u kull 5 snin minn hemm 'il quddiem.

Ir-Rakkomandazzjoni 2009/C 296/02 hija sostitwita minn din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Kunsill
Il-President